REĠJUN ĊENTRU

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 23

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

It-Tlieta 11 ta' Ġunju, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fl-4:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku ta' Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Clayton Luke Mula – Kunsillier San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Iklin

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sinjura Magraret Baldacchino Cefai – Sindku ta' l-Imsida

ASSENTI

Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku ta' Ta' Xbiex
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku ta' Santa Venera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tas-Sinjura Magda Magri Naudi, tas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai u tas-Sur Andrè Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 22 li saret nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

23.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli.

## 23.3 Komunikazzjoni mill-President

23.3.1 Il-President issuġġerixxa li għandha tintbagħat ittra formali ta' ringrazzjament lil membri li ma ġewx eletti fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Hu ssuġerixxa kif aktar 'l quddiem għandha tibtagħat ukoll ittra lil dawk li ġew eletti fil-legislatura l-ġdida.

23.3.2 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan is-suġġeriment.

23.3.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif aktar kmieni filgħodu kien ser jippreżenta l-ittra ta' riżenzja minn Kunsillier ta' Birkirkara sabiex ikun jista' jibqa President tar-Reġjun però l-liġi għadha ma ġietx emendata biex tirrifletti ċ-ċirkulari li kienet intbagħtet. Hu spjega kif ġibed l-attenzjoni dwar dan b'mod speċjali peress li ftit tal-ġranet wara kien ser ikun hemm iċ-ċerimonja tal-ġurament.

23.3.4 Il-President informa lill-membri preżenti li minħabba l-attendenza tal-laqgħat, is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat emejl lil kull Kunsill Lokali sabiex kull Kunsill jikkonferma l-persuna li ser tkun qed tattendi għal-laqgħat tar-Reġjun. Madankollu, kull kunsill għandu jiddikjara wkoll min ser ikun sostitut ġaladarba r-rappreżentant ma jkunx jista' jattendi.

## 23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

23.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

## 23.5 Rapporti

23.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda l-*Management Letter* ta' l-awdituri flimkien mat-tweġiba ppreparata mill-Accountant, is-Sur Daniel Galea, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu meħuda bħala moqrija peress li ż-żewġ dokumenti kienu ntbagħtu qabel permezz ta' emejl.

23.5.2 It-tweġiba ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti.

23.5.3 Il-President spjega kif fil-*Management Letter* l-awditur ġibed l-attenzjoni li l-*Business Plan* għal perjodu ta' tliet snin ma kienx ippreparat. Hu spjega kif dan il-pjan ma setax isir peress li għad m'hemmx direzzjoni ċara dwar kif ser tibda tintuża l-allokazzjoni finanzjarja.

23.5.4 Il-President qal kif kien talab lis-Segretarju Parlamentari, is-Sur Silvio Parnis, kif ukoll lis-Sur Christopher Galea sabiex wara l-elezzjonijiet jinżammu laqgħat Reġjonali u tingħata spjegazzjoni dwar id-deċiżjonijiet finali u kif l-allokkazzjoni għandha tibda tintuża.

23.5.5 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, titlob direzzjoni dwar dan mid-Direttur tal-monitoraġġ u sapport, lis-Sur Christopher Galea.

## 23.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Tibdil tas-siġġu fl-uffiċċju tat-Tribunal*

23.6.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni sabiex jinxtara siġġu peress li s-siġġu li kien jintuża mill-Kummissarju tal-Ġustizzja fl-uffiċċju tat-Tribunal inkiser.

23.6.2 Il-membri preżenti unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Ċirkulari AKL 2019/48 – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm*

23.6.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, għamel referenza għal din iċ-ċirkulari fejn ħeġġeġ lil Kunsilli kollha sabiex jipparteċipaw f'dawn l-inizjattivi.

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

23.6.4 Il-President ressaq fuq il-mejda talba minn dan il-Kunsill sabiex is-somma ta' €5,955 biex saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-Ġnien Ċentru Rekreattiv jitħalsu mill-fondi ta' l-LES surplus.

23.6.5 Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

- *Pagament Pendenti*

23.6.6 Il-President għamel referenza għall-emejl li dan ir-Reġjun irċieva nhar il-Ħamis 23 ta' Mejju 2019 fejn Dott. Richard Sladden kien qed jirreferi għal ħlasijiet li hu kien jitlob fiż-żmien il-Kumitat Konġunt ta' Birkirkara.

23.6.7 Hu żied jgħid li peress li dan ir-Reġjun dejjem mexa mal-kuntratt tal-prosekutur ta' Dott. Sandra Sladden, is-Segretarju Eżekuttiv talbet kjarifika u direzzjoni mingħand l-avukat tar-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Dott. Silvio.

23.6.8 Il-membri preżenti qablu ma' din l-azzjoni.

- *Ċir AKL 2019/53 – Mental First Aid*

23.6.9 Il-President ressaq fuq il-mejda din iċ-ċirkulari fejn l-AKL flimkien ma' Richmond Foundation ser toffri kors lill-membri tal-Kunsill, lis-Segretarji Eżekuttivi kif ukoll ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Għal din ir-raġuni, s-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun, is-Sinjura Jeanette Galea, ser tkun qed tattendi għal dan il-kors f'isem dan ir-Reġjun.

23.6.10 Il-membri preżenti unanimament approvaw din id-deċiżjoni.

- *Ċir AKL 2019/54- OHSA Substances at Work*

23.6.11 Il-President ippreżenta din iċ-ċirkulari w informa lill-membri preżenti li għal dan is-seminar ser jattendu għalieh iż-żewġ ħaddiema ta' l-RSSL li huma assenjati ma' dan ir-Reġjun nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2019.

23.6.12 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

- *Uditjar*

23.6.13 Il-President ippreżenta fuq il-mejda e-mejl mingħand il-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava, fejn informa lir-Reġjuni "li wara aktar laqgħat li saru bejn l-AKL u l-LESA biex jiġu rifonduti l-ispejjeż dovuti lir-Reġjuni" huma xtaqu jinfurmawna li l-LESA ser tkun qed tagħmel kuntatt ma' kull Reġjun rispettiv biex ikun jista' jibda dan il-proċess ta' uditjar.

23.6.14 Il-President żied jgħid li dan ser ikun it-tielet uditjar li ser jinżamm matul din is-sena.

- *Kunsill Lokali San Ġiljan*

23.6.15 Il-President ressaq fuq il-mejda e-mejl mingħand dan il-Kunsill sabiex ix-xogħlijiet li saru f'din il-lokalita' jiġu mħalsa mill-fondi ta' l-LES Surplus b'total ta' €158,786.84. Dawn ix-xogħlijiet jikkonsistu:

- F'pavimentar bil-konkrit fi Triq Hans Stummer - €5,148.57;
- Xogħol fuq it-taraġ tal-Knisja – €9,973.51
- *Resurfacing* ta' Triq George P. Badger – €33,104.99;
- Xogħol ta' bankina u *resurfacing* (parti) ta' Triq Mikielangelo Borg - €36,023.31;
- Taraġ fi Triq il-Mesija - €7,965.00;
- Proġett fi Triq il-Baltiku - €66,571.46

23.6.16 Il-membri qablu b'mod unanimu fuq din it-talba.

- *Lista ta' l-assi*

23.6.18 Il-President semma li kellu jintrema laptop li ma baqax jaħdem u li kien innumerat fil-FAR b'numru 100 u jiżdied in-numru 180 b'referenza għall-laptop il-ġdid.

23.6.19 Il-membri preżenti approvaw din il-korrezzjoni.

- *Impjegata*

23.6.20 Il-President ressaq fuq il-mejda problema dwar impjegata fi ħdan ir-Reġjun.

23.6.21 Is-Sur Fenech Adami flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, spejgaw il-problemi konċernati u l-punti mqajma ġew diskussa bejn il-membri preżenti.

23.6.22 Il-membri preżenti lkol qablu li għandha tinkiseb direzzjoni aħjar mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

- *Dawl*

23.6.23 Minħabba li qed ikun hawn diversi inizjattivi sabiex jinxtgħelu l-faċċati ta' l-uffiċini, il-President talab l-approvazzjoni sabiex is-Segretarju Eżekuttiv iġġib il-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex dan ir-Reġjun ikun jista' jipparteċipa f'dawn l-inizjattivi wkoll.

23.6.24 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *SPI/07/2019 – Finanzjament ta' Proġett Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni*

23.6.25 Il-President għamel referenza għal din l-iskema finanzjarja u ppropona sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tikkonferma jekk dan ir-Reġjun hux eliġibli biex japplika biex tkun tista' tinbidel is-sistema ta' irrigazzjoni li tinsab fil-ġnien ta' l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun fil-preżent minħabba li din ilha nstallata madwar għaxar snin. Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex ir-Reġjun japplika għal dawn il-fondi ġaladarba tingħata konferma li bħala Reġjun huwa eleġibli għal din l-iskema.

23.6.26 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 23.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

23.7.1 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, sekondat mil-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 21A u 21B.

## 23.8 Mozzjonijiet

23.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 23.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.9.1 Il-laqgħa intemmet fil-5.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju, 2019 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 16 ta' Lulju, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |